



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/0282(COD)

16.10.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);
(COM(2011)0627 – C7-0340/2011 – 2011/0282(COD))

Rapporteur: Elisabeth Schroedter

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-iżvilupp taż-żoni rurali huwa parti importanti mill-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni fl-Unjoni Ewropea. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)¹ mhuwiex biss marbut mal-politika agrikola komuni, iżda huwa konness mill-qrib ukoll mal-għan tal-Unjoni Ewropea li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet Qafas Strateġiku Komuni għall-fondi kollha (hekk imsejjaħ Fond QSK) għall-FAEŻR, għall-ippjanar finanzjarju multiannwali. Il-fondi kollha f'dan ir-Regolament qafas għandhom flimkien jagħtu kontribut għall-iżvilupp sostenibbli reġjonali u għall-iżvilupp sħiħ armonjuż tal-UE. Il-qafas komuni għall-fondi QSK għandu għalhekk jgħin biex bl-investimenti mill-fondi kollha, jitwettqu l-oġettivi komuni. Għaldaqstant, il-fondi għandhom ikunu konnessi flimkien, biex jiżdiedu l-effetti tas-sinerġija tal-użu tal-fondi u b'hekk, jinħoloq valur miżjud massimu. Fl-istess waqt l-għan hu li jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi għall-promotur lokali tal-proġetti, sabiex ikunu jistgħu jintużaw iżjed fondi. B'mod partikolari, iż-żoni rurali jibbenefikaw mill-użu inklużiv tal-Fondi QSK kollha. Il-gruppi vulnerabbli, bħal pereżempju l-popolazzjoni Roma jistgħu jiġu appoġġjati wkoll, bħalma tista' tingħeleb id-dipendenza fuq naħa waħda ta' ċerti reġjuni ta' produzzjonijiet uniċi. Dan jitlob armonizzazzjoni estensiva tad-dispożizzjonijiet implimentattivi u r-rekiwiżiti ta' kontroll tal-fondi kollha. Fl-istess waqt, ir-regolament qafas komuni jinkludi prinċipji ġenerali, bħas-sħubija u l-governanza f'iktar livelli, il-konformità mal-liġi tal-UE u l-liġi nazzjonali applikabbli, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli.

Għalhekk, sabiex ikun jista' jinħoloq valur miżjud Ewropew oġhla, l-azzjonijiet għall-Fondi QSK, il-FEŻR, il-FK, il-FSE, il-FAEŻR u l-FEMS għandhom jappoġġjaw il-prijoritajiet komuni tal-UE biex jintlaħaq tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Dawn il-prijoritajiet isegwu l-għanijiet u l-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020, kif ġew deċiżi mill-Kunsill Ewropew.

Madankollu, il-Kummissjoni f'bosta oqsma falliet milli timplimenta b'mod konsistenti dawn il-punti fir-regolament FAEŻR. L-emendi ppreżentati f'dan ir-rapport għandhom iwasslu għal punti importanti ta' lingwaġġ komuni, sabiex jiġi ffaċilitat l-ipprogrammar komuni tal-fondi. Huwa madankollu kruċjali għar-rapporteur, li l-FAEŻR ikun jista' jintuża flimkien ma' fondi oħra QSK fi programmi li jużaw diversi fondi jew programmi operazzjonali komuni, sabiex jissaħħu l-effetti tas-sinerġija tal-fondi differenti, partikolarment fil-livell lokali. Il-punti ta' referenza huma stabbiliti fir-Regolament Ġenerali (CPR/2012) u mhux fir-Regolament FAEŻR. Madankollu, ir-rapporteur emendat il-paragrafi korrispondenti tar-Regolament FAEŻR, sabiex tiġi ffaċilitata l-opportunità għall-programmi operazzjonali komuni flimkien ma' fondi oħra QSK. Pereżempju, hi tissuġġerixxi li l-Istati Membri f'reġjuni li għaddejjin minn tranżizzjoni jkun jistgħu jadattaw il-perċentwal tal-kofinanzjament tal-UE għall-fondi QSK l-oħra fi programm komuni.

¹ REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) COM(2011) 19.10.2011.

Ir-rapporteur tappoġġja l-iskop tal-Kummissjoni li jiġu definiti ż-żoni rurali u għalhekk, tissaħħaħ l-attenzjoni tal-FAEŻR fuq dawn l-oqsma. Madankollu, ikun ħasra jekk dan iwassal biex jitwarrab l-approċċ territorjali funzjonali. Jekk iż-żoni rurali jitqiesu b'mod iżolat, mhuwiex possibbli li jitħaddem l-iżvilupp sostenibbli tagħhom b'mod progressiv. Jekk madankollu jkunu appoġġjati r-relazzjonijiet ekonomiċi u kulturali bejn iż-żoni urbani u dawk rurali u bejn ir-reġjuni, iż-żoni rurali żgur jibbenefikaw minn dan. Għaldaqstant, id-definizzjoni taż-żoni rurali għandha tinkludi bl-istess mod iż-żoni funzjonali, sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali.

Bil-metodu LEADER, il-Qafas Strateġiku Komuni għall-Fondi QSK jirrikorri għall-esperjenzi pożittivi ta' iktar minn 20 sena ta' żvilupp rurali. Il-metodu LEADER jinkludi lill-popolazzjoni kkonċernata fl-iżvilupp sostenibbli tal-ambjent li jgħixu fih. Il-metodu LEADER huwa globalment l-aktar forma ta' suċċess li jirkupra ż-żona rurali u jsaħħaħ l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żona rurali fid-diversità tagħha. L-hekk imsejjaħ approċċ "minn isfel għal fuq" juża l-għarfien tal-popolazzjoni lokali dwar l-aħjar soluzzjonijiet, sabiex jingħelbu s-sitwazzjonijiet żvantaġġati u jikxef potenzjali mhux skoperti għall-iżvilupp u opportunitajiet ġodda ta' xogħol. Min-naħa l-oħra, il-metodu jitransferixxi r-responsabbiltà għall-iżvilupp lill-popolazzjoni lokali. Din il-kombinazzjoni ta' sħubija orizzontali u vertikali wriet li l-miżuri żviluppanti lokalment huma konnessi ma' xulxin u għalhekk, għandhom effett kbir fuq il-ħolqien ta' xogħlijiet fil-qasam rurali. Il-parteċipazzjoni attiva tal-persuni fl-iżvilupp tal-ambjent fejn jgħixu, issaħħaħ l-identifikazzjoni magħhom u tevita l-emigrazzjoni. Dan jista' jaħdem kontra żviluppi demografiċi negattivi. Fl-aħħar nett, il-popolazzjoni lokali tagħti kontribut sabiex jintlaħaq l-oġġettiv tal-Ewropa 2020 tal-UE b'mod attiv. Għaldaqstant, hija kwistjoni ċentrali tar-rapporteur f'din l-opinjoni, li l-metodu LEADER jingħata spazju konsiderevoli fl-iżvilupp reġjonali, partikolarment fl-oqsma ta' konsiderazzjoni territorjali, fi kliem ieħor, il-punti ta' prijorità tal-UE 3, 4, 5 u 6 tar-Regolament FAEŻR. Il-metodu LEADER huwa l-aktar strument popolari u mfittex tal-Unjoni Ewropea fil-livell lokali. Dan jagħti kontribut primarjament għal viżibiltà tal-Unjoni Ewropea maċ-ċittadini tagħha.

Bħalma tiddekrivi l-Kummissjoni b'mod dettaljat u tistqarr fid-dokument ta' ħidma tagħha dwar l-isfidi fil-futur għar-reġjuni "REĠJUNI 2020"¹, it-tibdil fil-klima jista' jkollu impatt enormi fuq is-sistemi ekonomiċi, soċjali u ekoloġiċi tar-reġjuni. Pereżempju, f'reġjuni b'riskji kbar ta' nixfa jidhru kunflitti potenzjali dwar l-użu xieraq tar-riżorsi limitati tal-ilma. Qed jiżdied ukoll in-numru ta' żoni b'riskju potenzjali ta' għargħar, b'erożjoni kostali jew nirien. Konsegwentement huma affettwati l-agrikoltura u t-turiżmu rurali, minħabba li dawn jiddependu fuq servizzi ta' ekosistema u r-riżorsi naturali. Fl-istess waqt, dawn is-setturi joffru l-aktar impjiegi fil-qasam rurali. F'xi każijiet, jista' jkun hemm dubju dwar l-adattabbiltà ta' abitazzjoni taż-żoni rurali. Għalhekk, il-prattiki ta' biedja, kif ukoll il-ħarsien tal-klima u r-riżorsi fl-agrikoltura għandhom dimensjoni territorjali. Huma jagħtu kontribut deċiżiv primarjament biex jiġu ppriservati l-ambjent rurali u l-prosperità tal-popolazzjoni f'dawn iż-żoni. Dan l-aspett hu wkoll evidenti fl-emendi tar-rapporteur. Għalhekk, hija tirreferi għall-kumplessità tal-istrateġiji ta' żvilupp taż-żoni rurali.

Fl-aħħar net, l-għan hu li jintużaw b'mod tajjeb u effiċjenti r-riżorsi finanzjarji limitati tal-UE biex jinkiseb żvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u b'hekk, tittejjeb il-prosperità tal-popolazzjoni residenti f'dawn iż-żoni. Il-miżura għall-prosperità ma tistax madankollu tiġi

¹ SEC(2008)2868 finali, 14.11.2008.

mkejla skont il-prodott domestiku gross. Kif spjegat fid-dokument tal-Kummissjoni “Il-PDG u lil hinn”¹ il-PDG mhuwiex indikatur tas-sostenibbiltà fil-qasam ambjentali jew ta' integrazzjoni soċjali. L-approċċ inklużiv u parteċipatorju għall-iżvilupp jista' madankollu jilħaq prosperità reali fiż-żona rurali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, jeħtieġ li ssir enfasi fuq għadd limitat ta' prijoritajiet ewlenin relatati mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija u ż-żoni rurali, il-kompetittività tat-tipi kollha tal-agrikoltura u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, l-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-immaniġġjar tar-riskji fl-agrikoltura, il-preservazzjoni u t-tiżiħ tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp **ekonomiku** taż-żoni rurali. F'dan il-proċess għandha tkun ikkunsidrata d-diversità ta' sitwazzjonijiet li jaffettwaw iż-żoni rurali b'karatteristiċi differenti jew kategoriji differenti ta' benefiċjarji potenzjali u l-objettivi trasversali tal-innovazzjoni, l-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-azzjoni ta' mitigazzjoni għandha tkun relatata kemm mal-limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-

Emenda

(5) Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, jeħtieġ li ssir enfasi fuq għadd limitat ta' prijoritajiet ewlenin relatati mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija u ż-żoni rurali, il-kompetittività tat-tipi kollha tal-agrikoltura u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, l-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-immaniġġjar tar-riskji fl-agrikoltura, il-preservazzjoni u t-tiżiħ tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel u tal-forestrija, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp **sostenibbli taż-żoni rurali, inklużi r-rabtiet urbani u rurali u l-koperazzjoni bejn ir-reġjuni**. F'dan il-proċess għandha tkun ikkunsidrata d-diversità ta' sitwazzjonijiet li jaffettwaw iż-żoni rurali b'karatteristiċi differenti jew kategoriji differenti ta' benefiċjarji potenzjali u l-objettivi trasversali tal-innovazzjoni, l-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-azzjoni ta' mitigazzjoni għandha tkun

¹ COM(2009)433.

agrikoltura u l-forestrija mill-attivitajiet ewlenin bħall-produzzjoni tal-bhejjem, l-użu ta' fertilizzanti u l-preservazzjoni ta' bjar tal-karbonju u t-tishiĥ tal-ġbir tal-karbonju fir-rigward tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija. Il-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali marbuta mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali għandha tapplika orizzontalment b'rabta mal-prijoritajiet l-oħra tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

relatata kemm mal-limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-agrikoltura u l-forestrija mill-attivitajiet ewlenin bħall-produzzjoni tal-bhejjem, l-użu ta' fertilizzanti u l-preservazzjoni ta' bjar tal-karbonju u t-tishiĥ tal-ġbir tal-karbonju fir-rigward tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija. Il-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali marbuta mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali għandha tapplika orizzontalment b'rabta mal-prijoritajiet l-oħra tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jinkludu fil-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom sottoprogrammi tematiċi li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi f'żoni ta' importanza partikolari għalihom. Is-sottoprogrammi tematiċi għandhom jikkonċernaw fost affarijiet oħra l-bdiewa żgħażaġĥ, l-azjendi agrikoli żgħar, iż-żoni bil-muntanji u l-ħolqien ta' ktajjen tal-provvista qosra. Għandhom jintużaw ukoll sottoprogrammi tematiċi li jipprevedu l-possibbiltà li jiġi indirizzat ir-ristrutturar tas-setturi agrikoli li għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp taż-żoni rurali. Bħala mezz biex jiżdied l-intervent effiċjenti ta' tali sottoprogrammi tematiċi, l-Istati Membri għandhom jitħallew jipprevedu rati ta' appoġġ oġhla għal ċerti operazzjonijiet koperti minnhom.

Emenda

(9) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jinkludu fil-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom sottoprogrammi tematiċi li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi f'żoni ta' importanza partikolari għalihom, ***filwaqt li jiġu kkunsidrati r-rabtiet urbani u rurali u l-koperazzjoni bejn ir-regġuni.*** Is-sottoprogrammi tematiċi għandhom jikkonċernaw fost affarijiet oħra l-bdiewa żgħażaġĥ, l-azjendi agrikoli żgħar, ***in-nisa li jaħdmu fil-biedja,*** iż-żoni bil-muntanji u l-ħolqien ta' ktajjen tal-provvista qosra. Għandhom jintużaw ukoll sottoprogrammi tematiċi li jipprevedu l-possibbiltà li jiġi indirizzat ir-ristrutturar tas-setturi agrikoli li għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp taż-żoni rurali. Bħala mezz biex jiżdied l-intervent effiċjenti ta' tali sottoprogrammi tematiċi, l-Istati Membri għandhom jitħallew jipprevedu rati ta' appoġġ oġhla għal ċerti operazzjonijiet koperti minnhom.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) L-evoluzzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tal-agrikoltura u l-forestrija u l-isfidi partikolari affrontati mill-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (iktar 'il quddiem "SMEs") fiż-żoni rurali jirrikjedu livell xieraq ta' taħriġ tekniku u ekonomiku kif ukoll iktar kapaċità biex jaċċessaw u jiskambjaw l-għarfien u l-informazzjoni, inkluż fil-forma ta' tixrid tal-aħjar Prattiki tal-produzzjoni għall-agrikoltura u l-forestrija. L-azzjonijiet tat-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni mhux biss għandhom jikkonsistu f' korsijiet ta' taħriġ tradizzjonali iżda ***għandhom jiġu adattati*** għall-ħtiġijiet tal-atturi rurali. Għaldaqstant għandhom jiġu appoġġjati wkoll workshops, kowċing, attivitajiet ta' dimostrazzjoni, azzjonijiet ta' informazzjoni u kif ukoll skemi ta' skambju jew żjarat qosra fl-azjendi agrikoli. L-għarfien u l-informazzjoni miksuba għandhom jippermettu lill-bdiewa, is-sidien ta' foresti, il-persuni involuti fis-settur tal-ikel u ***L-SMEs*** rurali li jtejbu b' mod partikolari l-kompetittività u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom u li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-ekonomija rurali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tat-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni jkunu effettivi biex jinkisbu dawn ir-riżultati, għandu jkun rikjest li l-fornituri tas-servizzi tat-trasferiment tal-għarfien ikollhom il-kapaċitajiet adattati kollha.

Emenda

(14) L-evoluzzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tal-agrikoltura u l-forestrija u l-isfidi partikolari affrontati mill-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (iktar 'il quddiem "SMEs") fiż-żoni rurali jirrikjedu livell xieraq ta' taħriġ tekniku u ekonomiku kif ukoll iktar kapaċità biex jaċċessaw u jiskambjaw l-għarfien u l-informazzjoni, inkluż fil-forma ta' tixrid tal-aħjar Prattiki tal-produzzjoni għall-agrikoltura u l-forestrija. L-azzjonijiet tat-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni mhux biss għandhom jikkonsistu f' korsijiet ta' taħriġ tradizzjonali iżda ***għandhom jużaw is-sistema ta' taħlim tul il-ħajja, li għandha tiġi adatta wkoll*** għall-ħtiġijiet tal-atturi rurali. Għaldaqstant għandhom jiġu appoġġjati wkoll workshops, kowċing, attivitajiet ta' dimostrazzjoni, azzjonijiet ta' informazzjoni, ***pjattaformi reġjonali, li jservu għall-iskambju tal-esperjenzi*** u kif ukoll skemi ta' skambju jew żjarat qosra fl-azjendi agrikoli. L-għarfien u l-informazzjoni miksuba għandhom jippermettu lill-bdiewa, is-sidien ta' foresti, ***l-assoċjazzjonijiet u n-netwerks ta' żvilupp rurali***, il-persuni involuti fis-settur tal-ikel u ***l-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar*** rurali li jtejbu b' mod partikolari l-kompetittività u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom u li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-ekonomija rurali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tat-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni jkunu effettivi biex jinkisbu dawn ir-riżultati, għandu jkun rikjest li l-fornituri tas-servizzi tat-trasferiment tal-għarfien ikollhom il-kapaċitajiet adattati kollha ***u għandhom jiġu promossi sħubijiet pubbliċi-privati għas-servizzi li huma adattati għall-kategoriji soċjali kollha.***

Permezz tas-sistema tat-tagħlim tul il-ħajja, persuni qegħda, li qabel kienu jaħdmu f'setturi oħra, jistgħu jinkisbu għal dan is-settur.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitá ekonomika ġdida fil-forma ta' azjendi agrikoli ġodda, negozji ġodda jew investimenti ġodda f'attivitajiet mhux agrikoli huma essenzjali għall-iżvilupp u l-kompetittività taż-żoni rurali. Miżura għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u n-negozji għandha tiffaċilita l-istabbiliment inizjali ta' bdiewa żgħażaġh u l-aġġustament strutturali tal-azjendi tagħhom wara t-twaqqif inizjali, ***id-diversifikazzjoni*** tal-bdiewa f'attivitajiet mhux agrikoli u l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' SMEs mhux agrikoli f'żoni rurali. Għandu jkun inkoraġġit ukoll l-iżvilupp ta' ***azjendi agrikoli*** żgħar li potenzjalment huma ekonomikament vijabbli. Sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda appoġġati minn din il-miżura, l-appoġġ għandu jkun kondizzjonali fuq it-tressiq ta' pjan ta' negozju. L-appoġġ għal bidu ta' negozju għandu jkopri biss il-perijodu inizjali tal-ħajja ta' negozju u ma għandux isir għajjnuna għall-operat. Għalhekk, meta l-Istati Membri jagħżlu li jagħtu għajjnuna f'pagamenti, dawn għandhom ikunu għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin. Barra minn hekk, sabiex ikun inkoraġġit ir-ristrutturar tas-settur agrikolu, għandu jkun ipprovdut appoġġ fil-forma ta' pagamenti annwali għall-bdiewa parteċipanti fl-iskemi ta' bdiewa żgħażaġh stabbilita bit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 li jimpenjaw ruħhom li jittrasferixxu l-

Emenda

(21) Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attivitá ekonomika ġdida fil-forma ta' azjendi agrikoli ġodda, ***fergħat kummerċjali ġodda***, negozji ġodda ***relatati mal-agrikoltura jew il-forestrija*** jew investimenti ġodda f'attivitajiet mhux agrikoli, ***investimenti ġodda fl-agrikoltura soċjali u investimenti ġodda fl-attivitajiet turistiċi***, huma essenzjali għall-iżvilupp u l-kompetittività taż-żoni rurali. Miżura għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u n-negozji għandha tiffaċilita l-istabbiliment inizjali ta' bdiewa żgħażaġh u l-aġġustament strutturali tal-azjendi tagħhom wara t-twaqqif inizjali, ***u tippromwovi l-intraprenditorija fost in-nisa, inkluż fir-rigward tad-diversifikazzjoni*** tal-bdiewa f'attivitajiet mhux agrikoli u t-twaqqif u l-iżvilupp ta' SMEs mhux agrikoli f'żoni rurali. Għandu jkun inkoraġġit ukoll l-iżvilupp ta' ***impriżi*** żgħar ***relatati mal-agrikoltura u mal-forestrija*** li potenzjalment huma ekonomikament vijabbli. Sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda appoġġati minn din il-miżura, l-appoġġ għandu jkun kondizzjonali fuq it-tressiq ta' pjan ta' negozju. L-appoġġ għal bidu ta' negozju għandu jkopri biss il-perijodu inizjali tal-ħajja ta' negozju u ma għandux isir għajjnuna għall-operat. Għalhekk, meta l-Istati Membri jagħżlu li jagħtu għajjnuna f'pagamenti, dawn għandhom ikunu għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin. Barra minn hekk, sabiex ikun inkoraġġit ir-

impriża kollha tagħhom u l-intitolamenti ta' pagament korrispondenti għal bidwi ieħor li ma jipparteċipax fl-iskema.

ristrutturar tas-settur agrikolu, għandu jkun ipprovdut appoġġ fil-forma ta' pagamenti annwali għall-bdiewa parteċipanti fl-iskemi ta' bdiewa żgħażaġh stabbilita bit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 li jimpenjaw ruħhom li jittrasferixxu l-impriża kollha tagħhom u l-intitolamenti ta' pagament korrispondenti għal bidwi ieħor li ma jipparteċipax fl-iskema.

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri tal-investiment għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-azjendi, kemm bħala estensjonijiet turistiċi (il-vaganzi f'azjenda agrikola), kif ukoll għat-tisħiħ soċjali (Green Care) tal-azjendi.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) L-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija rurali tal-Unjoni. L-iżvilupp tan-negozju tal-biedja u dak mhux agrikolu għandu jkun immirat lejn il-promozzjoni tal-impjiegi u l-ħolqien ta' xogħlijiet ta' kwalità fiż-żoni rurali, iż-żamma tax-xogħlijiet li diġà jeżistu, it-tnaqqis taċ-ċaqliq staġjonali b'rabta mal-impjiegi, l-iżvilupp ta' setturi mhux agrikoli barra l-agrikoltura u l-ipproċessar agrikolu u tal-ikel filwaqt li fl-istess ħin jitrawmu l-integrazzjoni tan-negozju u r-rabtiet intersettorjali lokali. Għandhom jiġu inkoraġġiti wkoll proġetti li fl-istess ħin jintegraw l-agrikoltura, it-turiżmu rurali permezz tal-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u responsabbli fiż-żoni rurali, il-wirt naturali u kulturali kif ukoll l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli.

Emenda

(22) L-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija **sostenibbli** rurali tal-Unjoni. L-iżvilupp tan-negozju tal-biedja u dak mhux agrikolu għandu jkun immirat lejn il-promozzjoni tal-impjiegi u l-ħolqien ta' xogħlijiet ta' kwalità fiż-żoni rurali, ***l-aktar għaż-żgħażaġh***, iż-żamma tax-xogħlijiet li diġà jeżistu, it-tnaqqis taċ-ċaqliq staġjonali b'rabta mal-impjiegi, l-iżvilupp ta' setturi mhux agrikoli barra l-agrikoltura u l-ipproċessar agrikolu u tal-ikel filwaqt li fl-istess ħin jitrawmu l-integrazzjoni tan-negozju u r-rabtiet intersettorjali lokali, ***f'konformità mal-iżvilupp reġjonali sostenibbli***. Għandhom jiġu inkoraġġiti wkoll proġetti li fl-istess ħin jintegraw l-agrikoltura, it-turiżmu rurali permezz tal-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u responsabbli fiż-żoni rurali, il-wirt naturali u kulturali kif ukoll l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli. ***L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali għandu jissaħħaħ billi jiġu msaħħa r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-regġuni.***

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) L-iżvilupp tal-infrastruttura lokali u tas-servizzi bażiċi lokali fiż-żoni rurali, inklużi d-divertiment u l-kultura, it-tiġdid ta' villaġġi u l-attivitajiet immirati lejn ir-restawr u l-ammeljorament b'rabta mal-wirt kulturali u naturali tal-villaġġi u l-pajsaġġi rurali huwa element ***essenzjali ta' kwalunkwe sforz biex*** jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir u tiġi promossa s-sostenibbiltà taż-żoni rurali. Għaldaqstant għandu jingħata appoġġ għal operazzjonijiet għal dan l-għan, inkluż l-aċċess għat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni u l-iżvilupp ta' broadband veloċi u ultraveloċi. Fid-dawl ta' dawn l-oġġettivi, għandu jkun inkoraġġit l-iżvilupp ta' servizzi u infrastruttura li jwasslu għall-inklużjoni soċjali u li jaqilbu x-xejra negattiva soċjali u ekonomika u dik tat-tnaqqis tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali. Sabiex jinkiseb il-massimu tal-effikaċja għal dan l-appoġġ, l-operazzjonijiet koperti għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet, u s-servizzi bażiċi tagħhom għandhom jiġu elaborati minn komunità rurali waħda jew aktar. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-għanijiet tal-Unjoni relatati mal-klima, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tad-definizzjoni tat-tipi ta' infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ.

Emenda

(24) L-iżvilupp tal-infrastruttura lokali u tas-servizzi bażiċi lokali fiż-żoni rurali, inklużi d-divertiment u l-kultura, it-tiġdid ta' villaġġi u l-attivitajiet immirati lejn ir-restawr u l-ammeljorament b'rabta mal-wirt kulturali u naturali tal-villaġġi u l-pajsaġġi rurali huwa element ***li mingħajru ma jistax*** jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir u tiġi promossa s-sostenibbiltà taż-żoni rurali. ***L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali għandu jissaħħaħ billi jiġu promossi r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni.*** Għaldaqstant għandu jingħata appoġġ għal operazzjonijiet għal dan l-għan, inkluż l-aċċess għat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni u l-iżvilupp ta' broadband veloċi u ultraveloċi. ***Għandha tingħata prijorità lill-inizjattivi ta' iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità.*** Fid-dawl ta' dawn l-oġġettivi, għandu jkun inkoraġġit l-iżvilupp ta' servizzi u infrastruttura li jwasslu għall-inklużjoni soċjali u li jaqilbu x-xejra negattiva soċjali u ekonomika u dik tat-tnaqqis tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali. Sabiex jinkiseb il-massimu tal-effikaċja għal dan l-appoġġ, l-operazzjonijiet koperti għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet, u s-servizzi bażiċi tagħhom għandhom jiġu elaborati minn komunità rurali waħda jew aktar. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-għanijiet tal-Unjoni relatati mal-klima, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tad-definizzjoni tat-tipi ta' infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli li għandhom ikunu

eliġibbli għall-appoġġ.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Sabiex ikun żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u trattament ugwali għall-bdiewa fl-Unjoni, iż-żoni muntanjużi u ż-żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra għandhom ikunu definiti f'konformità ma' kriterji oġġettivi. Fil-każ ta' żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali, dawn għandhom ikunu kriterji ***bijofiżiċi*** sostnuti b'evidenza xjentifika qawwija. ***Għandhom ikunu adottati arranġamenti tranżizzjonali sabiex tkun iffaċilitata t-tneħħija gradwali ta' pagamenti f'żoni li mhux se jibqgħu jkunu meqjusa bħala li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji.***

Emenda

(33) Sabiex ikun żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u trattament ugwali għall-bdiewa fl-Unjoni, iż-żoni muntanjużi u ż-żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra għandhom ikunu definiti f'konformità ma' kriterji oġġettivi. Fil-każ ta' żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali, dawn għandhom ikunu kriterji sostnuti b'evidenza xjentifika qawwija ***li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi u l-oġġettivi tal-iżvilupp taż-żoni kkonċernati u li huma mfassla adegwatament għall-iskala tal-iżvantaġġi naturali inerenti li jaffaċċjaw daww iż-żoni u t-tip ta' produzzjoni u/jew l-istruttura ekonomika ta' impriżi f'żona partikolari.***

Ġustifikazzjoni

Ir-riżultat tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar immirar aħjar tal-għajnuna lill-bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali (COM(2009)0161) mhux sodisfaċenti. Għandhom jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi partikolari fl-Istati Membri. Għandhom jinħolqu possibilitajiet ta' differenzazzjoni suffiċjenti skont il-forom tal-azzjendi.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli, għandu jiġi stabbilit netwerk tas-SEI li jgħaqqad flimkien f'netwerk gruppi operazzjonali, servizzi konsultattivi u riċerkaturi involuti fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li

Emenda

(47) Sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, għandu jiġi stabbilit netwerk tas-SEI li jgħaqqad flimkien f'netwerk gruppi operazzjonali, servizzi konsultattivi, ***organizzazzjonijiet mhux governattivi*** u riċerkaturi involuti fl-

jindirizzaw l-innovazzjoni fl-agrikoltura. Għaldaqstant għandu jiġi ffinanzjat bħala parti mill-assistenza teknika fil-livell tal-Unjoni.

implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jindirizzaw l-innovazzjoni fl-agrikoltura. Għaldaqstant għandu jiġi ffinanzjat bħala parti mill-assistenza teknika fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni

(52) L-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-kuntest tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli għandha sseħħ minn gruppi operazzjonali li jgħaqqdu bdiewa, riċerkaturi, konsulenti, negozji u atturi oħra kkonċernati permezz tal-innovazzjoni fis-settur agrikolu. Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat ta' dawn il-proġetti jkunu ta' profitt għas-settur kollu inġenerali, ***ir-riżultati*** tagħhom ***għandhom jiġu mxerrda***.

Emenda

(52) L-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-kuntest tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli għandha sseħħ minn gruppi operazzjonali li jgħaqqdu bdiewa, riċerkaturi, konsulenti, negozji u atturi oħra kkonċernati permezz tal-innovazzjoni fis-settur agrikolu. Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat ta' dawn il-proġetti jkunu ta' profitt għas-settur kollu inġenerali, ***id-disseminazzjoni tar-riżultati*** tagħhom ***għandha tiġi inkoraġġita u l-attivitajiet ta' disseminazzjoni għandhom ikunu ffinanzjati minn sorsi differenti inkluż ukoll mill-assistenza teknika***.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Ir-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-programm għandha tinqasam bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat għall-Monitoraġġ stabbiliti għal dan l-għan. ***L-għan*** tal-Kumitat għall-Monitoraġġ ***għandu jkun il-monitoraġġ tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-programm. Għal dan il-għan, ir-responsabbiltajiet tiegħu għandhom jiġu speċifikati***.

Emenda

(61) Ir-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-programm għandha tinqasam bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat għall-Monitoraġġ stabbiliti għal dan l-għan. ***Il-kompożizzjoni, il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet*** tal-Kumitat għall-Monitoraġġ ***għandhom jiġu definiti skont l-Artikoli 41-43 u l-Artikolu 5 tar-Regolament [CPR]. Jista' jitwaqqaf Kumitat għall-Monitoraġġ uniku għall-programmi ta' żvilupp rurali u għal***

programmi skont il-fondi QSK oħra li jseħħu fl-istess żona territorjali.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jiddeskrivi l-kuntest strateġiku għall-politika ta' żvilupp rurali;

Emenda

(c) jiddeskrivi l-kuntest strateġiku għall-politika ta' żvilupp rurali, ***inklużi r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-regġuni;***

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt (f)

Test propost mill-Kummissjoni

(f) jistabbilixxi r-regoli bl-għan ***li tiġi żgurata*** l-koordinazzjoni tal-FAEŻR ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

Emenda

(f) jistabbilixxi r-regoli bl-għan ***li jiġu żgurati*** l-koordinazzjoni ***u l-koerenza*** tal-FAEŻR ***mal-fondi QSK kollha u*** ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) “miżura”[...] sett ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal prijorità waħda jew iktar tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;

Emenda

(c) “miżura”[...] sett ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal prijorità waħda jew iktar tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, ***inklużi r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-regġuni;***

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) “operazzjoni”[...] proġett, grupp ta’ proġetti, kuntratt jew arranġament, jew azzjoni oħra magħżula skont kriterji stabbiliti għall-programm ta’ żvilupp rurali kkonċernat u implimentat minn wieħed jew aktar mill-benefiċjarji li jippermetti l-ilħuq ta’ wieħed jew iżjed mill-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;

Emenda

(d) “operazzjoni”[...] proġett, grupp ta’ proġetti, kuntratt jew arranġament, jew azzjoni oħra magħżula skont kriterji stabbiliti għall-programm ta’ żvilupp rurali kkonċernat u implimentat minn wieħed jew aktar mill-benefiċjarji li jippermetti l-ilħuq ta’ wieħed jew iżjed mill-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, ***inkluża l-possibilità li jingħaqad l-appoġġ mill-Fondi QSK differenti, inkluż fi ħdan linja prijoritarja unika ta’ programmi kkofinanzjati mill-FEŻR u l-FSE kif stipulat fl-Artikolu 87(1) tar-Regolament (CPR)***;

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) “strateġija għall-iżvilupp lokali”[...] użu koerenti ta’ sett ta’ operazzjonijiet biex jintlaħqu l-għanijiet u l-ħtiġijiet lokali, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, implimentati bi sħubija ***fil-livell xieraq***;

Emenda

(g) “strateġija għall-iżvilupp lokali”[...] użu koerenti ta’ sett ta’ operazzjonijiet biex jintlaħqu l-għanijiet u l-ħtiġijiet lokali, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali ***sostenibbli, inklużi r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, implimentati bi sħubija f’livelli territorjali sottoreġjonali speċifiċi***;

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt t

Test propost mill-Kummissjoni

(t) “katina tal-provvista qasira”[...] katina tal-provvista li tinvolvi numru limitat ta’ **operaturi ekonomiċi**, impenjati lejn il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku lokali, u relazzjonijiet ġeografiċi u soċjali mill-viċin bejn il-produtturi u l-konsumaturi;

Emenda

(t) “katina tal-provvista qasira”[...]katina tal-provvistali tinvolvi numru limitat ta’ **produtturi, preferibbilment bdiewa żgħar**, impenjati lejn il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku lokali, u relazzjonijiet ġeografiċi u soċjali mill-viċin bejn il-produtturi u l-konsumaturi;

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-FAEŻR għandu jikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 billi jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli fl-Unjoni b’mod kumplimentari mal-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni (iktar ’il quddiem “PAK”), mal-politika ta’ koeżjoni u mal-politika komuni tas-sajd. Huwa għandu jikkontribwixxi għal settur agrikolu tal-Unjoni li jkun innovattiv, iżjed bilanċjat fil-livell territorjali u ambjentali, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u li jkun reżistenti.

Emenda

Il-FAEŻR għandu jikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 **fil-kuntest ta’ Strateġija Ewropea għall-Iżvilupp Rurali** billi jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli fl-Unjoni b’mod komplementari mal-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni (iktar ’il quddiem “PAK”) **u b’mod koordinat u komplementari** mal-politika ta’ koeżjoni u mal-politika komuni tas-sajd. Huwa għandu jikkontribwixxi għal settur agrikolu, **tal-ikel u tal-forestrija** tal-Unjoni li jkun innovattiv, iżjed bilanċjat fil-livell territorjali u ambjentali, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u li jkun reżistenti, **kif ukoll kompetittiv u produttiv**.

Ġustifikazzjoni

Il-miri tar-Regolament FAEŻR għandhom ikunu koerenti mal-miri ta’ tkabbir tal-Istrateġija “Ewropa 2020” u għalhekk għandha tissemma l-kapaċità ta’ kompetittività tal-azjendi agrikoli u tal-forestrija. L-emenda 29 fl-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tenfasizza l-ħtieġa għal strateġija ta’ żvilupp rurali ġenwin fil-livell Ewropew. Din l-istrateġija għandha tkun koordinata mal-appoġġ skont il-politika ta’ koeżjoni u mal-politika komuni tas-sajd u kumplimentata minnhom.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) l-iżvilupp territorjali bilanċjat **taż-żoni** rurali.

Emenda

(3) l-iżvilupp territorjali bilanċjat **tal-ekonomiji u l-komunitajiet rurali, inklużi r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni.**

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' żvilupp rurali li jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, għandhom jiġu segwiti s-sitt prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, li *jisarrfu* fl-Objettivi Tematiċi rilevanti tal-QSK:

Emenda

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' żvilupp rurali li jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, għandhom jiġu segwiti s-sitt prijoritajiet tal-Unjoni **u l-prijoritajiet tal-investment tagħha** għall-iżvilupp rurali, li *jissarrfu* fl-Objettivi Tematiċi rilevanti tal-QSK:

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-iffaċilitar tar-ristrutturar tal-azjendi agrikoli **li jiffaċċjaw problemi strutturali ewlenin, speċjalment azjendi agrikoli b'livell baxx ta' parteċipazzjoni fis-suq, azjendi agrikoli orjentati lejn is-suq f'setturi partikolari u azjendi agrikoli li jeħtieġu diversifikazzjoni agrikola;**

Emenda

(a) l-iffaċilitar tar-ristrutturar **u l-modernizzazzjoni u d-diversifikazzjoni** tal-azjendi agrikoli;

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-iffaċilitar tat-tiġdid ġenerazzjonali *fis-settur agrikolu*;

Emenda

(b) l-iffaċilitar tat-tiġdid ġenerazzjonali *u parteċipanti ġodda fil-programmi tal-iżvilupp tal-biedja u rurali*.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-appoġġ għall-ġestjoni tar-riskji tal-azjendi agrikoli:

Emenda

(b) l-appoġġ għall-ġestjoni tar-riskji tal-azjendi agrikoli *permezz ta' miżuri ta' prekawzjoni*;

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *l- u l-preservazzjoni* tal-bijodiversità, *Inklużi* ż-żoni f'Natura 2000 u l-biedja li għandha valur naturali għoli u l-istat tal-pajsaġġi Ewropej;

Emenda

(a) *l-irkupru, il-preservazzjoni u l-użu sostenibbli* tal-bijodiversità *u tad-diversità ġenetika fl-azjenda tal-biedja*, *inklużi* ż-żoni f'Natura 2000 u l-biedja li għandha valur naturali għoli u l-istat tal-pajsaġġi Ewropej;

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-titjib tal-ġestjoni tal-ħamrija.

Emenda

(c) it-titjib *tal-istruttura tal-ħamrija, ir-reżiljenza tal-ħamrija għall-erożjoni u*

għal avvenimenti klimatiċi estremi, tal-fertilità u tal-ġestjoni tal-ħamrija.

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(5) il-promozzjoni **tal-effiċjenza** tar-riżorsi u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija **b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju** u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

Emenda

(5) il-promozzjoni **tal-użu** tar-riżorsi **agrikoli li jiffrankaw l-enerġija u jutilizzaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti** u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija **kompatibbli għall-klima, li tiffranka l-enerġija** u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) iż-żieda tal-effikaċja fl-użu tal-ilma permezz tal-agrikoltura;

Emenda

(a) iż-żieda tal-effikaċja **u l-iffrankar** fl-użu tal-ilma permezz tal-agrikoltura;

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) iż-żieda tal-effikaċja fl-użu tal-enerġija fl-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel;

Emenda

(b) iż-żieda tal-effikaċja **u l-iffrankjar** fl-użu tal-enerġija fl-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel;

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-iffaċilitar tal-provvista u l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, prodotti sekondarji, skart, residwi u materja prima oħra mhux tal-ikel għal skopijiet tal-bijoekonomija;

Emenda

(c) l-iffaċilitar tal-provvista **lokali** u l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, prodotti sekondarji, skart, residwi u materja prima oħra mhux tal-ikel għal skopijiet tal-bijoekonomija;

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *l-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni*, il-ħolqien ta' intrapriżi żgħar ġodda u l-ħolqien tal-impjiegi;

Emenda

(a) *it-tħeġġiġ tad-diversifikazzjoni ekonomika ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar*, il-ħolqien ta' *mikrointrapriżi u intrapriżi* żgħar ġodda *b'enfasi fuq il-ħolqien ta' dawn min-nisa u miż-żgħażaġh* u l-ħolqien tal-impjiegi;

Ġustifikazzjoni

Emenda 32 tal-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-trawwim tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali;

Emenda

(b) it-trawwim tal-iżvilupp lokali **sostenibbli** fiż-żoni rurali;

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għandu jkun hemm konsistenza bejn l-appoġġ mill-FAEŻR u l-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi QSK l-oħra.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri jistgħu jinkludu subprogrammi tematiċi fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, indirizzati biex jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi identifikati, b'mod partikolari b'rabta ma':

1. L-Istati Membri jistgħu jinkludu sottoprogrammi tematiċi fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, ***waqt li jiġu kkunsidrati r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, u*** indirizzati biex jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi identifikati, b'mod partikolari b'rabta ma':

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) żoni bil-muntanji kif imsemmija fl-Artikolu 33(2);

(c) żoni bil-muntanji kif imsemmija fl-Artikolu 33(2) ***u żoni b'limitazzjonijiet naturali konsiderevoli kif imsemmija fl-Artikolu 33(4);***

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(da) ir-riżultati tal-Valutazzjoni
Ambjentali Strateġika tal-programm
imwettqa skont id-Direttiva 2001/42/KE;*

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) b'rabta mal-iżvilupp lokali, deskrizzjoni speċifika tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn l-istrateġiji tal-iżvilupp lokali, il-miżura tal-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 36, il-miżura tas-servizzi bażiċi u t-tiġdid tal-villaġġ fiż-żoni rurali msemmija fl-Artikolu 21 u l-appoġġ għal attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali taħt il-miżura tal-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u n-negozju fiż-żoni rurali msemmija fl-Artikolu 20;

(f) b'rabta mal-iżvilupp lokali, deskrizzjoni speċifika tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn l-istrateġiji tal-iżvilupp lokali, il-miżura tal-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 36, il-miżura tas-servizzi bażiċi u t-tiġdid tal-villaġġ fiż-żoni rurali msemmija fl-Artikolu 21, ***inklużi r-rabtiet urbani u rurali u l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni*** u l-appoġġ għal attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali taħt il-miżura tal-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u n-negozju fiż-żoni rurali msemmija fl-Artikolu 20;

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) analiżi tal-ħtiġijiet relatati mar-rekwiżiti tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u l-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) [CSF/2012. L-Istati Membri għandhom jipprovdu biżżejjed riżorsi u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità biex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati;

imħassar

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) informazzjoni dwar il-kumplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni, *permezz tal-politika ta' koeżjoni jew mill-EMFF*;

Emenda

(m) informazzjoni dwar il-kumplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni *u dwar il-mekkaniżmi li jiżguraw koordinazzjoni mal-miżuri appoġġjati minn Fondi QSK oħra*;

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt o, p

Test propost mill-Kummissjoni

(o) il-ħatra tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) *Nru [CSF/2012* u r-riżultati tal-konsultazzjoni tal-imsieħba;

Emenda

(o) il-ħatra tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) *Nru [CSF/2012], l-azzjonijiet li ttieħdu sabiex is-sħab jiġu involuti fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm skont il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (CPR), u r-riżultati tal-konsultazzjoni tal-imsieħba, fejn applikabbli, l-elementi ewlenin tal-pjan ta' azzjoni u l-istruttura tan-netwerk rurali nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 55(3), u d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tiegħu, li jikkostitwixxu l-bażi tal-pjanijiet ta' azzjonijiet annwali tiegħu.*

(p) fejn applikabbli, l-elementi ewlenin tal-pjan ta' azzjoni u l-istruttura tan-netwerk rurali nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 55(3), u d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tiegħu, li jikkostitwixxu l-bażi tal-pjanijiet ta' azzjonijiet annwali tiegħu.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 15 - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni

Emenda

Trasferiment tal-għarfien, **skambju tal-prattiki sostenibbli** u azzjonijiet ta' informazzjoni

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-appoġġ taħt din il-miżura ma għandux jinkludi korsijiet ta' struzzjoni jew taħriġ, li jiffurmaw parti mill-programmi jew is-sistemi edukattivi normali fil-livelli sekondarji jew oġhla.

Emenda

L-appoġġ taħt din il-miżura m'għandux jinkludi korsijiet ta' struzzjoni jew taħriġ, li jiffurmaw parti mill-programmi jew is-sistemi edukattivi normali fil-livelli sekondarji jew oġhla, ***iżda jista' jinkludi korsijiet li jiġu organizzati fil-qafas ta' sistemi tat-tagħlim tul il-ħajja u fil-qafas ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-atturi fl-ambjent rurali.***

Ġustifikazzjoni

Is-sistema tat-tagħlim tul il-ħajja tiffaċilita korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u l-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-korpi li jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien u tal-informazzjoni għandu jkollhom il-kapaċitajiet adatti fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari biex iwettqu

Emenda

Il-korpi ***u n-netwerks*** li jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien u tal-informazzjoni għandu jkollhom il-kapaċitajiet xierqa fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari biex iwettqu

dan il-kompitu.

dan il-kompitu.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura għandhom ikunu l-ispejjeż tal-organizzazzjoni u t-twassil tat-trasferiment tal-għarfien jew l-azzjoni ta' informazzjoni. Fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, l-appoġġ jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-investment relatati. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż għas-sussistenza tal-parteċipanti kif ukoll l-ispiża għas-sostituzzjoni tal-bdiewa għandhom ikunu eliġibbli wkoll.

Emenda

4. L-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura għandhom ikunu l-ispejjeż tal-organizzazzjoni u t-twassil ***tal-iskambju u*** tat-trasferiment tal-għarfien jew l-azzjoni ta' informazzjoni. Fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, l-appoġġ jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-investment relatati. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż għas-sussistenza tal-parteċipanti kif ukoll l-ispiża għas-sostituzzjoni tal-bdiewa għandhom ikunu eliġibbli wkoll.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 - punt b – sottopunt i – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ktajjen ta' provvista tal-ikel qosra u lokali, jew

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jikkontribwixxu għall-promozzjoni tat-tkabbir, l-iżgurar tal-postijiet tax-xogħol fl-istadji kollha tal-katina tal-produzzjoni u l-iżvilupp ta' ferġat kummerċjali ġodda għall-azjendi agrikoli bħal pereżempju fil-qasam turistiku jew soċjali,

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri tal-investiment għandhom ikunu disponibbli kemm għal estensjonijiet turistiċi (vaganzi f'impriża agrikola), kif ukoll għal estensjonijiet soċjali (Green Care) tal-azjendi.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ca) drittijiet tal-pensjoni għall-bdiewa li
jittrasferixxu b'mod permanenti l-azjenda
tagħhom lil bidwi ieħor.*

Ġustifikazzjoni

Għandha tinżamm is-sistema attwali ta' rtirar kmieni mix-xogħol.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(a)(ii) għandu jingħata lill-bdiewa jew lill-membri tal-familja ta' azjenda agrikola li jiddiversifikaw f'attivitajiet mhux agrikoli u lil mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar mhux agrikoli f'żoni rurali.

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(a)(ii) għandu jingħata lill-bdiewa jew lill-membri tal-familja ta' azjenda agrikola li jiddiversifikaw f'attivitajiet mhux agrikoli, ***lil abitanti oħra f'żoni rurali*** u lil mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar mhux agrikoli f'żoni rurali.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(b) għandu jingħata lil mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar mhux agrikoli f'żoni rurali jew lill-bdiewa jew lill-membri tal-familja ta'

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(b) għandu jingħata lil mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar mhux agrikoli f'żoni rurali jew lill-bdiewa jew lill-membri tal-familja ta'

azjenda agrikola.

azjenda agrikola *u residenti oħrajn f'żoni rurali.*

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) investimenti fil-ħolqien, it-titjib jew l-espansjoni tat-tipi kollha ta' infrastruttura fuq skala żgħira, inklużi investment fl-enerġija rinnovabbli;

Emenda

(b) investimenti fil-ħolqien, it-titjib jew l-espansjoni tat-tipi kollha ta' infrastruttura fuq skala żgħira, *filwaqt li jiġu kkunsidrati r-rabtiet urbani u rurali u* inklużi investment *f'miżuri għall-effikaċja tal-enerġija u* fl-enerġija rinnovabbli;

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jikkonċerna biss infrastruttura fuq skala żgħira, kif definit minn kull Stat Membru fil-programm. Madankollu, il-programmi ta' żvilupp rurali jistgħu jipprovdu għal derogi speċifiċi minn din ir-regola għal investimenti fil-broadband u *l-enerġija* rinnovabbli. F'dan il-każ, għandhom jiġu pprovduti kriterji ċari li jiżguraw il-kumplimentarjetà mal-appoġġ taħt strumenti oħra tal-Unjoni.

3. L-investimenti taħt il-paragrafu 1 għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ meta l-operazzjonijiet rilevanti jiġu implimentati skont il-pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet fiż-żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, fejn jeżistu tali pjanijiet, u għandhom ikunu konsistenti ma' kwalunkwe strateġija ta' żvilupp lokali *jekk tkun teżisti.*

Emenda

2. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jikkonċerna biss infrastruttura fuq skala żgħira, kif definit minn kull Stat Membru fil-programm. Madankollu, il-programmi ta' żvilupp rurali jistgħu jipprovdu għal derogi speċifiċi minn din ir-regola għal investimenti fil-broadband u *l-provvista tal-enerġija* rinnovabbli *deċentralizzata.* F'dan il-każ, għandhom jiġu pprovduti kriterji ċari li jiżguraw il-kumplimentarjetà mal-appoġġ taħt strumenti oħra tal-Unjoni.

L-investimenti taħt il-paragrafu 1 għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ meta l-operazzjonijiet rilevanti jiġu implimentati skont il-pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet fiż-żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, fejn jeżistu tali pjanijiet, u għandhom ikunu konsistenti ma' kwalunkwe strateġija ta' żvilupp lokali.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. "Is-sistemi tal-agroforestrija" għandhom ifissru sistemi ta' użu tal-art fejn jtkabbru s-siġar flimkien ma' agrikoltura [...] fuq l-istess art. L-għadd massimu ta' siġar li għandu jitħawwel għal kull ettaru għandu jkun determinat mill-Istati Membri b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-ispeċijiet tal-forestrija u l-bżonn li jkun żgurat użu agrikolu tal-art.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-pagamenti agroambjentali u tal-klima għandhom jingħataw lil bdiewa, gruppi ta' bdiewa u partijiet oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-artijiet li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjoni li jikkonsistu f'impenji agroambjentali klimatiċi wieħed jew aktar fuq l-art agrikola. Meta jkun debitament ġustifikat biex jintlaħqu objettivi ambjentali, il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jistgħu jingħataw lil **partijiet oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-art jew** gruppi ta' **partijiet oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-art.**

Ġustifikazzjoni

Il-grupp li jinsab fil-mira ta' din il-miżura huwa primarjament dak tal-bdiewa. Għandhom jitqiesu l-programmi u l-miżuri li diġà jeżistu.

Emenda 52

Emenda

2. "Is-sistemi tal-agroforestrija" għandhom ifissru sistemi ta' użu tal-art fejn jtkabbru s-siġar flimkien ma' agrikoltura [...] fuq l-istess art. L-għadd massimu ta' siġar li għandu jitħawwel għal kull ettaru għandu jkun determinat mill-Istati Membri b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-ispeċijiet tal-forestrija u l-bżonn li jkun żgurat użu agrikolu **sostenibbli** tal-art.

Emenda

2. Il-pagamenti agroambjentali u tal-klima għandhom jingħataw lil bdiewa, gruppi ta' bdiewa u partijiet oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-art li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjoni li tikkonsisti f'impenji agroambjentali klimatiċi wieħed jew aktar fuq l-art agrikola **jew art xierqa għall-agrikoltura jew li jkunu investew f'miżuri biex jadattaw għat-tibdil fil-klima.** Meta jkun debitament ġustifikat biex jintlaħqu objettivi ambjentali, il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jistgħu jingħataw lil gruppi ta' **bdiewa.**

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont il-Kapitolu I tat- Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 ***u obbligi rilevanti oħra stabbiliti taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012,*** rekwiżiti minimi rilevanti għal fertilizzanti u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti bil-leġislazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti obbligatorji kollha għandhom ikunu identifikati fil-programm.

Emenda

3. Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont il-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012, rekwiżiti minimi rilevanti għal fertilizzanti u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti bil-leġislazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti obbligatorji kollha għandhom ikunu identifikati fil-programm.

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri agroambjentali u klimatiċi kollha għandhom ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala rekwiżiti għal titjib ekoloġiku fil-kuntest tal-pagamenti diretti mingħajr ma tiżdied il-linja ta' bażi.

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena u għandhom jikkompensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u dħul mitluf li jirriżultaw mill-impenji meħuda. Fejn ikun meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta' transazzjoni sa valur massimu ta' 20 % tal-primjum imħallas *għall-impenn* agroambjentali klimatiċi. Meta l-impenji jittieħdu minn gruppi ta' bdiewa, il-livell massimu għandu jkun 30 %.

Emenda

6. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena u għandhom jikkompensaw lill-benefiċjarji għall-ispejjeż addizzjonali kollha jew parti minnhom u dħul mitluf li jirriżultaw mill-impenji meħuda. Fejn ikun meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta' transazzjoni sa valur massimu ta' 20 % tal-primjum imħallas *għall-impenji* agroambjentali klimatiċi. Meta l-impenji jittieħdu minn gruppi ta' bdiewa, il-livell massimu għandu jkun 30 %. ***Finanzjament mill-FAEŻR jista' jintuża għall-miżuri li jaqgħu taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu III***

Ġustifikazzjoni

Miżuri agroambjentali u klimatiċi ċertifikati għandhom għalhekk jissodisfaw ir-rekwiżiti għal titjib ekoloġiku b'mod awtomatiku. Għalhekk, il-miżuri kollha ifittxu t-titjib ekoloġiku u jkunu jistgħu jiġu promossi fiż-żewġ pilastri.

Emenda 54

**Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

L-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf għandhom jiġu kkalkulati b'paragun ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-pagamenti skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012.

Emenda

L-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf għandhom jiġu kkalkulati b'paragun ma' żoni li mhumiex affettwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-pagamenti skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012. ***Il-pagamenti għandhom ikunu differenzjati kif xieraq, billi jitqiesu:***

- il-karatteristiċi partikolari u l-miri tal-iżvilupp tar-reġjun ikkonċernat,***
- l-ammont ta' żvantaġġi naturali permanenti li jaffettwaw l-attivitajiet agrikoli,***
- it-tip ta' produzzjoni u, fejn ikun xieraq, l-istruttura ekonomika tal-azjenda.***

Ġustifikazzjoni

L-azjendi b'forom ta' produzzjoni differenti u f'reġjuni ta' produzzjoni differenti għandhom piżijiet u spejjeż differenzjati fil-ġestjoni tal-azjendi – dawn għandhom jiġu meqjusa.

Emenda 55

**Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) approċċi ta' kooperazzjoni fost atturi

Emenda

(a) approċċi ta' kooperazzjoni fost ***bdiewa***

differenti *fil-katina agrikola* u tal-ikel *tal-Unjoni*, is-settur tal-forestrija u fost atturi oħra li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-politika ta' żvilupp rurali, inklużi organizzazzjonijiet interprofessjonali;

u intrapriżi rurali, b'attenzjoni speċjali fuq il-bdiewa żgħar u mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar, kif ukoll atturi differenti *fil-ktajjen lokali u reġjonali* tal-ikel, is-settur tal-forestrija u fost atturi oħra li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-politika ta' żvilupp rurali, inklużi organizzazzjonijiet interprofessjonali;

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali marbuta mal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

Emenda

(e) *informazzjoni* u attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali marbuta mal-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ea) *l-appoġġ jista' jkopri wkoll l-ispejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet informattivi u ta' promozzjoni ta' prodotti fil-qafas tar-regolamenti ta' kwalità msemmija fil-paragrafu 1;*

Emenda

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ja) *l-iżvilupp u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi turistiċi relatati mat-turiżmu rurali;*

Emenda

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-offerti tat-turiżmu rurali hija ta' importanza eċċezzjonali għar-reġjuni rurali, peress li din il-fergħa ekonomika hija integrata f'diversi reġjuni, speċjalment fl-agrikoltura.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2 – punt jb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(jb) l-iżvilupp ta' proġetti tal-agrikoltura soċjali (pereżempju l-Green Care).

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tal-offerti tal-agrikoltura soċjali skont l-eżempju tal-proġett tal-UE 'Green Care' huwa sinifikanti għaż-żoni rurali min-naħa u min-naħa l-oħra fergħa ekonomika addizzjonali ġdida fl-agrikoltura.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Minbarra l-kompiti msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu ***iwettqu kompiti addizzjonali delegati lilhom mill-Awtorità ta' Ġestjoni u/jew l-aġenzija tal-pagamenti.***

1. Minbarra l-elementi msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu ***wkoll:***

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) iwettqu kompiti addizzjonali delegati lilhom mill-Awtorità ta' Ġestjoni u/jew l-

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jimplimentaw waħdu jew flimkien ma' operazzjonijiet sħab b'dimensjoni territorjali wiesgħa msejħa "il-proġett umbrella" fl-istrateġija ta' żvilupp lokali.

Ġustifikazzjoni

I propose to allow local action groups for independent implementation of projects in the framework of local development strategy of the broad territorial reach, with participation of partners from the LDS area. The current regulations limit the role of LAGs to being an intermediary in transfer of financial means and an animator. It seems that possibility of realisation of flagship projects in the framework of a strategy would create a significant added value. Moreover, our polish experiences show that there is a huge demand for small-scale projects of short duration. Unfortunately, in situation when they have to follow the same administrative path, many applicants resign. Thanks to the proposed amendment, those partners would have contact only with a LAG and they would not need to get through the complicated administrative path

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu jitolbu l-pagament ta' ħlas bil-quddiem mill-aġenzija tal-pagamenti kompetenti jekk ikun hemm din il-possibbiltà fil-programm ta' żvilupp rurali. L-ammont ta' pagamenti bil-quddiem m'għandux jaqbeż **50 %** tal-appoġġ pubbliku marbut mal-ispejjeż operazzjonali.

2. Il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu jitolbu l-pagament ta' ħlas bil-quddiem mill-aġenzija tal-pagamenti kompetenti jekk ikun hemm din il-possibbiltà fil-programm ta' żvilupp rurali. L-ammont ta' pagamenti bil-quddiem m'għandux jaqbeż **80 %** tal-appoġġ pubbliku marbut mal-ispejjeż operazzjonali.

Ġustifikazzjoni

B'kunsiderazzjoni għall-problemi sinifikanti ta' gruppi ta' azzjoni lokali fl-aċċess għal krediti, aħna nipproponu li għandu jiżdied l-ammont ta' self bil-quddiem sa 80%.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) azzjonijiet li jippromwovu l-parteċipazzjoni lokali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-kura medika mtejba, l-edukazzjoni, l-attivitajiet kulturali u oqsma oħra ta' servizzi pubbliċi lokali.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) appoġġ preparatorju, kif imniżżel fil-punt (b) jista' jingħata forma ta' pagament bil-quddiem li jasal sa 100% tas-subvenzjoni, jekk tali possibiltà hija preveduta fil-programm innifsu.

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu addizzjonali jiġi ssuġġerit biex jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw pagamenti bil-quddiem sa 100%. Dawn ikunu proġetti li jinvolvu b'mod dirett sħab li ma japplikawx għall-appoġġ individwali, minħabba restrizzjonijiet finanzjarji. Fil-qafas ta' proġett umbrella GAL jista' jittrasferixxi mezzi finanzjarji lis-sħab tiegħu bil-quddiem.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Għandu jkun hemm Netwerk tas-SEI li jappoġġa s-SEI għall-produttività u s-

1. Għandu jkun hemm Netwerk tas-SEI li jappoġġa s-SEI għall-produttività u s-

sostenibbiltà agrikola msemija fl-Artikolu 61, skont l-Artikolu 51(1). Dan għandu jippermetti n-netwerking ta' gruppi operattivi, servizzi konsultattivi u riċerkaturi.

sostenibbiltà agrikola msemija fl-Artikolu 61, skont l-Artikolu 51(1). Dan għandu jippermetti n-netwerking ta' gruppi operazzjonali, servizzi konsultattivi, **organizzazzjonijiet mhux governattivi** u riċerkaturi.

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tippromowvi settur agrikolu b'riżorsi effiċjenti, produttiv, b'livell baxx ta' emissjonijiet, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u reżistenti għat-tibdil fil-klima, li jaħdem f'armonija mar-riżorsi naturali essenzjali li fuqhom tiddependi l-biedja;

Emenda

(a) tippromwovi settur agrikolu b'riżorsi **u enerġija** effiċjenti, produttiv, b'livell baxx ta' emissjonijiet, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u reżistenti għat-tibdil fil-klima, li jaħdem f'armonija mar-riżorsi naturali essenzjali li fuqhom tiddependi l-biedja;

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) tibni pontijiet bejn ir-riċerka, l-għarfien u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa, in-negozji u s-servizzi konsultattivi.

Emenda

(d) tibni pontijiet bejn ir-riċerka, l-għarfien **lokali** u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa, **il-komunitajiet rurali**, in-negozji u s-servizzi konsultattivi.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 61 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet ta' riċerka **dwar il-prattiki tal-biedja**.

Emenda

(c) tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet ta' riċerka **mill-perspettiva tal-bdiewa u l-komunitajiet rurali**.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 64 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. *Għall-finijiet tal-allokkazzjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], id-dħul assenjat disponibbli miġbur skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 tal-FAEŻR, għandu jiżdied mal-ammonti msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012]. Huwa għandu jkun allokati lill-Istati Membri b'mod proporzjonat għas-sehem tal-ammont totali tal-appoġġ mill-FAEŻR.*

Emenda

6. Id-dħul assenjat disponibbli miġbur skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 tal-FAEŻR għandu jkun allokati lill-Istati Membri b'mod proporzjonat għas-sehem tal-ammont totali tal-appoġġ mill-FAEŻR.

Ġustifikazzjoni

Ir-riżerva ta' prestazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru [GSR/2012] għandu jitħassar.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jżidu l-kontribuzzjoni massima tal-FAEŻR għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 21 u 31 ta' dan ir-Regolament fi ħdan programmi implimentati f'reġjuni ta' tranżizzjoni kif ddefinit fl-Artikolu 82 paragrafu 2 tar-Regolament (CPR), sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-livell ta' rati ta' kofinanzjament ta' fondi QSK oħra għal din il-kategorija ta' reġjuni, partikolarment fi programmi b'iktar minn fond wieħed.

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Nefqa kkofinanzjata mill-FAEŻR ma għandhiex tkun ikkofinanzjata permezz ta' kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni jew kwalunkwe strument finanzjarju ieħor tal-Unjoni.

Emenda

6. Nefqa **għal miżura konkreta jew parti minn miżura konkreta** kkofinanzjata mill-FAEŻR m'għandhiex tkun ikkofinanzjata permezz ta' kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni jew kwalunkwe strument finanzjarju ieħor tal-Unjoni. **Dan m'għandux iżomm jew jipprevieni approċċ għall-ipprogrammar li jgħaqqad l-appoġġ minn fondi differenti ta' QSK li jistgħu jkunu neċessarji sabiex jinkisbu l-għanijiet tematiċi fl-Artikolu 9 tar-Regolament [CSF/2012] b'mod koerenti u integrat.**

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Il-kontribut nazzjonali għall-infiq pubbliku eliġibbli jista' jiġi sostitwit minn kontribuzzjonijiet privati.

Ġustifikazzjoni

Kif previst diġà fin-negozjati tat-trilogu dwar il-baġit, li issa ġew konklużi, għandu jkun possibbli għall-kontribut nazzjonali għall-ispiża pubblika eliġibbli li jiġi sostitwit minn kontribuzzjonijiet privati. Dan hu partikolarment meħtieġ fil-kuntest attwali tal-baġit ta' awsterità fl-Istati Membri, minħabba li l-problemi imposti mis-sehem ta' konfinanzjament li jrid jiġi pprovdut mill-Istati Membri jistgħu jiġu kkompensati mill-investituri privati.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 65 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Il-fondi trasferiti lill-FAEŻR fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012, għandhom jiġu koperti mir-rata uniformi ta' kontribuzzjoni skont il-paragrafu 3.

Ġustifikazzjoni

Il-mezzi finanzjarji li jiġu trasferiti fil-qafas tal-flessibilità tal-FAEŻR, għandu jkollhom, għal skop ta' koerenza, l-istess rata ta' parteċipazzjoni bħal miżuri oħra tal-FAEŻR.

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 80

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri bi programmi reġjonali jistgħu jistabbilixxu **Kumitat** għall-Monitoraġġ nazzjonali **biex jikkoordina** l-implimentazzjoni **ta' dawn il-programmi** b'rabta mal-Qafas Nazzjonali **u l-użu tar-riżorsi finanzjarji**.

L-Istati Membri bi programmi reġjonali jistgħu jistabbilixxu **Kumitati** għall-Monitoraġġ **reġjonali jew** nazzjonali. **Fil-każ tal-Kumitati għall-Monitoraġġ nazzjonali, dawn għandhom jikkoordinaw** l-implimentazzjoni **tal-programmi reġjonali** b'rabta mal-Qafas Nazzjonali.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 81 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) għandu jeżamina **l-attivitajiet u l-outputs relatati mal-pjan** ta' evalwazzjoni **tal-programm**;

(b) għandu jeżamina **l-pjan** ta' evalwazzjoni **ppreżentat mill-Awtorità ta' Ġestjoni u l-progress fl-implimentazzjoni tiegħu**.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 82 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Sat-31 ta' Mejju 2016 u sat-31 ta' Mejju* ta' kull sena sussegwenti sa u inkluża ***l-2023***, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali fis-sena kalendarja ta' qabel. Ir-rapport ippreżentat fl-2016 għandu jkopri s-snin kalendarji 2014 u 2015.

Emenda 78

**Proposta għal regolament
Artikolu 85**

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-2023, għandu jitħejja rapport ta' evalwazzjoni ex post mill-Istati Membri għal kull wieħed mill-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom. Dan ir-rapport għandu ***jiġi sottomess lill-Kummissjoni*** sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru 2023.

Emenda 79

**Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Ġustifikazzjoni

Jien nitlob l-emenda tad-dispożizzjonijiet legali tal-UE, sabiex jiġi evitat li tiġi applikata

Emenda

1. *Sat-30 ta' Ġunju 2016 u sat-30 ta' Ġunju* ta' kull sena sussegwenti sa u inkluża ***l-2022***, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali fis-sena kalendarja ta' qabel. ***Ir-rapport finali ta' implimentazzjoni għandu jiġi ppreżentat mill-Istat Membru sal-31 ta' Diċembru 2023.*** Ir-rapport ippreżentat fl-2016 għandu jkopri s-snin kalendarji 2014 u 2015.

Emenda

Fl-2023, għandu jitħejja rapport ta' evalwazzjoni ex post mill-Istati Membri għal kull wieħed mill-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom. Dan ir-rapport għandu ***jitlesta*** sa mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru 2023.

Emenda

Jekk il-programm ta' żvilupp rurali jipprevedi strumenti li jkun fihom l-elementi tal-għajnuniet mill-Istat, tali strumenti ma jkunux suġġetti għal notifika separata.

proċedura ta' approvazzjoni separata għal strumenti speċifiċi, li jaqgħu taħt l-aspett tal-kompatibilità mal-politika tal-kompetizzjoni.

PROCĊEDURA

Titolu	Appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Referenzi	COM(2011)0627 – C7-0340/2011 – 2011/0282(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 25.10.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 25.10.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Elisabeth Schroedter 23.11.2011
Data tal-adozzjoni	10.10.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 40 - : 3 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, Victor Boştınaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Csanád Szegedi, Nuno Teixeira, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Karima Delli, Jens Geier, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Elisabeth Schroedter, Czesław Adam Siekierski, Giommara Uggias